**Fil-Atti tal-Inkjesta Pubblika dwar l-Assasinju ta' Daphne Caruana Galizia**

**Imhallef Emeritus Dott. Joseph Said Pulicino**
**Imhallef Dott. Abigail Lofaro**
**Ex-Imhallef Dott. Michael Mallia**

Nota ta' osservazzjonijiet ta' Yorgen Fenech (I.D36482M);

Jesponi bir-rispett;

1. Illi waqt is-seduta ta' nhar is-16 ta' April 2021, dan il-Bord estenda t-terminu ghas-sottomissjoni ta' noti ta' osservazzjonijiet sa' nhar il-15 ta' Mejju 2021;

2. Illi l-esponent jinsab imputat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja b'komplicita fl-omicidju ta' Daphne Caruana Galizia;

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-fatt li l-esponent inghata biss access limitat ghal selezzjoni censurata tal-verbali u tat-traskrizzjonijiet tax-xhieda prodotta quddiem dan il-Bord, l-esponent jixtieq jaghmel is-segwenti osservazzjonijiet. Ghalhekk din in-nota qed issir sabiex l-esponent jipprotegi d-drittijiet tieghu fil-Ligi, drittijiet li gew repetutament injorati u lezi minn dan l-istess Bord;

4. Illi jibda biex jinghad li minkejja li nhar is-6 ta' Dicembru 2019 il-Bord iddikjara li ser ikun qed jaddotta l-proceduri mfassla fil-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, il-prassi addottata mill-Bord tul l-mori tal-proceduri urietna mod iehor. Bilkemm hemm bzonn jinghad li l-mod kif gew prodotti u ezaminati x-xhieda (b'domandi suggestivi, b'sarkasmu, b'ghan manifestament politiku, kif ukoll li juru certament pre gudizzju da parti ta' min suppost hu imparzjali) mhux biss ma jsibu l-ebda hajt ta' kenn fil-Procedura mfassla fil-Kapitolu 12 izda lanqas fil-paragrafi li jiddelinjaw it-*Terms of Reference;*[1]

5. Illi l-esponent ghamel diversi tentattivi sabiex jifhem taht liema Kapitolu tal-Ligi il-procedura addotata minn dan il-Bord kienet taqa. Fil-15 ta' Ottubru 2020 l-esponent iprezenta rikors quddiem il-Bord fejn gie rilevat li l-proceduri addottati minnu qieghdin jippregudikaw serjament il-kumpilazzjoni kontra l-esponent. Illi l-esponent ma kellu ebda rapprezentanza (minkejja li ssemma b'mod frekwenti u repetut fid-deposizzjonijiet quddiem il-Bord) u talab li jinghata kopja tax-xhieda kollha moghtija quddiem dan il-Bord sabiex jkun f'posizzjoni li jiddefendi lilu nnifsu. Il-Bord injora t-talbiet kollha tal-esponent u provda li hu jaf x'inhu jaghmel u li x-xhieda pubblika hija accessibbli ghal kulhadd *(sic!);*

6. Illi nhar il-28 ta' Ottubru 2020 l-esponent ghamel talba ohra. Huwa talab li jinghata access ghat-traskrizzjonijiet tax-xhieda moghtija bil-maghluq, senjatament dik ix-xiehda li ssemmieh u taffetwah b'mod posittiv jew negattiv. Il-Bord, nhar il-20 ta' Ottubru 2020, appunta r-rikors ghas-smigh, sema s-sottomissjonijiet orali tal-avukati tal-familja Caruana Galizia li minghajr ma ta' l-opportunita lill-esponent jaghmel trattazzjoni jew risposta ghar-rikors tieghu stess, ghadda ghad-decizjoni. Il-Bord la informa lil-esponent dwar risposta tal-partijiet ghar-rikors tieghu, la informah li r-rikors tieghu gie appuntat ghas-sottomissjonijiet orali (jew jekk biss jixtieqx jaghmel is-sottomissjonijet orali tieghu) u l-esponent ghadu sa llum il-gurnata ma jafx jekk kienx hemm decizjoni ghat-talba tieghu jew, jekk kien hemm, x'kien l-ezitu tieghu;

7. Illi nhar it-8 ta' Dicembru 2020 u wara sensiela ta' testimonjanzi u rapportagg pregudizzjali kontra l-esponent, huwa prezenta talba ohra quddiem il-Bord fejn talab li l-Bord jissospendi l-

[1] Ara stqarrija tal-Gvern ta' Malta ta' nhar il-15 ta' Novembru 2019

proceduri tieghu jew tal-**inqas jakkordalu rapprezentanza legali fil-proceduri.** Il-Bord injora kompletament it-talba tal-esponent u kwazi hames xhur wara, meta il-Bord tal-Inkjesta wasal sabiex jaghlaq l-inkjesta, l-esponent ghadu m'huwiex rapprezentat fil-proceduri quddiem il-Bord;

8. Illi anke ghal min ma huwiex indott fil-procedura legali huwa evidenti li l-avukati tal-*parte civile* ghamlu taghhom l-inkjesta pubblika fejn b'poteri specjali kwazi bdew jiddettaw l-agenda tal-Bord billi jaghzlu x-xhieda li jressqu, jaghmlu domandi kif jidrilhom u jkollhom access ghal xhieda sigrieta/privileggata. Dan wassal biex dawn il-proceduri ntuzaw ghall-skopijiet politici u personali bi pregudizzju ghad-drittijiet tal-esponent. Il-pregudizzju huwa manifest. Per ezempju, provi milquta minn divjett tal-Qorti tal-Magistrati[2] appuntu biex jigu mharsa d-drittijiet tal-esponent, thallew jingiebu u jintuzaw fl-inkjesta minghajr kontrol ta' xejn.[3] Ezempju iehor huwa meta nstemghat xiehda li tirrelata direttament ma' l-esponent u/jew il-kaz tieghu, liema xhieda giet rapportata estensivament (hafna drabi b'lenti negattiva fuq il-esponent) u xhieda li ma setghatx tigi kkontrollata min l-esponenti. *In oltre,* saru diversi mistoqsijiet mfassla b'ghan politiku li b'ebda mod ma jaqaw fit-*Terms of Reference* tal-inkjesta;

9. Illi dan mhux biss, izda b'mod zbaljat u manifestament kontra d-dritt li bniedem ikun prezunt innocenti, il-Bord baqa jippersisti u jirreferi ghall-esponent bhala l-mandant fil-omicidju ta' Daphne Caruana Galizia, allegazzjoni li kienet u ghada qed tigi kategorikament michuda mill-esponent;

10. Illi tenut kont is-*suespost* kollu, id-drittijiet fondamentali tal-esponent gew manifestament pregudikati. Senjatament, imma mhux biss id-dritt ghall-smigh xieraq li jinkorpora fih id-dritt li bniedem jgawdi minn dak li - f'processi li jhaddnu l-gustizzja naturali u saltna tad-dritt - tissejjah il-presunzjoni tal-innocenza u *audi alteram partem,* li bniedem jkun mismuh u rapprezentat;

11. Illi *tenut kont* is-*suespost* kollu u l-fatt li l-esponent ma huwiex politiku, qatt ma okkupa kariga politika, qatt ma okkupa kariga li ggorr responsabilita politika u qatt ma fforma parti minn korp politiku, huwa jaqa barra mis-skop tat-*Terms of Reference.* Ghaldqastant, bir-rispett, kull referenza kemm diretta kif ukoll indiretta ghal-esponent ma ghandhiex tifforma parti mill-motivazzjonijiet u/jew konkluzjonijiet ta' dan il-Bord;

12. Ghaldaqstant, l-esponent qed jissottometti li dan il-Bord ma ghandu jaghmel l-ebda referenza ghalih fir-rapport tieghu sabiex id-dritt tieghu ghal smiegh xieraq ma jibqax jigi kalpestat.

Daqsekk ghandu x'jissottometti quddiem dan l-Onorabbli Bord

M. Camilleri

***Av. Gianluca Caruana Curran***
*206, Wisley House,*
*Old Bakery Street, Valletta*

***Av. Marion Camilleri***

Ippreżentata llum 14 ta' Mejju 2021 minn Dr Charles Mercieca

***Av. Charles Mercieca***

Rikorrent: Facilita Korrettiva ta' Kordin

[2] Moghtija fil-kumpilazzjoni kontra l-esponent
[3] Ara xhieda ta' Marvin Gearty fejn intuzaw l-messaggi migjuba mill-*mobile phone* tal-esponent. Dan huwa incident li jaf bih l-esponent ghax gara bil-miftuh izda ma jistax jghid x'gara meta dawn il-messaggi gew diskussi bil-maghluq (kif fil-fatt gara nhar il-29 ta' Jannar 2021) u dan ghax il-Bord ghadu jippersisti jahbi dawn is-seduti mill-Pubbliku Malti